MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 3/2009

**Adolf Micallef**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Frar, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-28 ta' Dicembru 2007.
>
> Ra l-ittra tal-appell.

Ra r-risposta tal-appell tad-Direttur tad-29 ta' Jannar 2009, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ra r-rapport tal-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-28 ta' Dicembru 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant ma kienx aktar intitolat ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad peress illi ma kienx sodisfatt li l-appellant kien qieghed jirrisjedi fl-indirizz moghti minnu.

Peress illi jirrizulta b'mod car mir-rapport tal-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, illi l-appellant ma kienx qieghed jirrisjedi fl-indirizz moghti minnu, d-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, id-decizjoni tad-Direttur hija wahda gusta u timmerita konferma, u dan l-appell qed jigi michud.”

Ir-rikorrenti Adolf Micallef jibbazza l-appell tieghu minn din is-sentenza fuq zewg motivi:-

1. Fl-ewwel lok, li hu ma giex notifikat bid-data tas-smigh ta’ l-appell fl-indirizz fejn kien attwalment jirrisjedi u dan illedilu l-principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem*;
2. Fit-tieni lok, l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 318 ma jiprovdix bhala pre-kondizzjoni ghall-intitolar tal-beneficcju ghal dizimpjieg il-post fejn wiehed jirrisjedi;

Hu provvdut mis-subinciz (7) ta’ l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318 illi meta appell lill-Arbitru jigi appuntat ghas-smigh il-partijiet interessati ghadhom jinghataw notifika ragonevoli

tal-hin u tal-lok fejn ikun ser jinstema' dak l-appell. Dan l-istess subinciz jipprovdi ukoll illi dawn l-istess partijiet li lilhom tkun inghatat notifika regolari tas-smigh jistghu jidhru kemm personalment jew permezz ta' rapprezentanti taghhom. Hu, imbaghad, konsegwit mis-subinciz (8) ta' l-istess Artikolu illi jekk ir-rikorrenti appellanti jonqos li jidher ghas-seduta u ma jaghtix spjegazzjoni ragonevoli ghall-assenza tieghu, l-Arbitru jista' jopta li jiddeciedi l-kaz jew li jichad l-appell;

Jinzel minn dawn is-subincizi tal-ligi illi biex tissussisti l-ipotesi li persuna tidher fil-gudizzju, l-avviz ta' l-appuntament ta' dak il-gudizzju irid ikun lilha notifikat regolarment. L-artikolu 187 tal-Kodici ta' Procedura jistabilixxi f'ordni preferenzjali l-post fejn ghandha ssir in-notifikazzjoni u dan billi jqieghed fuq quddiem il-lok fejn toqghod il-persuna li trid tigi notifikata. Anke minn dan id-dispost huwa ferm apparenti illi n-notifikazzjoni titqies regolari jekk tkun ezegwita fir-residenza effettiva tad-destinatarju ta' l-avviz. Ara ghal dak li jiswa l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti kif presjeduta fil-kaz "**Joseph Cassar Aveta -vs- Citadel Insurance plc**" deciza fit-28 ta' Marzu, 2007;

Premessa din l-introduzzjoni, bl-ewwel aggravju tieghu l-appellanti qed jissottometti illi huwa ma giex notifikat sewwa bl-avviz tas-smigh ta' l-appell tieghu quddiem l-Arbitru ghax in-notifikazzjoni tieghu saret fl-indirizz tal-Mosta u mhux f'dak tal-Birgu fejn kien effettivament jirrisjedi fil-mument li ntbaghat dak l-avviz;

L-atti juru illi fl-appell tieghu mid-decizjoni tad-Direttur li ssospendielu l-ghoti tal-beneficcju l-appellanti indika l-post ta' residenza tieghu fil-Mosta. Dan l-appell gie introdot fi Frar 2008 (fol. 34). Fid-9 ta' Dicembru, 2008 l-appellanti rega' kiteb biex jistaqsi meta kien ser ikun appuntat dak l-appell tieghu. Din id-darba huwa indika l-post tal-Birgu bhala l-post ta' residenza tieghu (ara dokument a fol. 30). Effettivament dan il-fond kien diga a konoxxenza tad-

Direttur ghaliex hu kien kiteb lill-appellant fid-29 ta' Novembru, 2008 proprju f'dak l-indirizz. Ara dokument a fol. 31. Gara illi l-avviz tas-smigh ta' l-appell tieghu bid-data ta' l-14 ta' Jannar, 2009 gie mibghut mill-Ufficcju ta' l-Arbitru fl-indirizz tal-Mosta (fol. 29) u dan wassal biex fil-jum tas-smigh (9 ta' Frar, 2009) l-appellanti ma deherx (ara verbal tas-seduta a fol. 8);

Il-Qorti hi tal-fehma illi fid-dawl tac-cirkustanzi kif rizultanti mill-atti s-sejha lill-appellant biex jidher fis-seduta, u, allura, tan-non-apparenza tieghu f'dik is-seduta, ma tidherx regolari u tali jirrendi l-procedura kollha irritwali. Dan qed jigi rilevat in kwantu b'dak il-vizzju inizzjali ta' notifika regolari fl-indirizz korrett tar-residenza ta' l-appellanti f'dak il-mument, il-procedura, fl-assenza ta' l-appellanti ghal dik ir-raguni, gabet lill-appellanti l-konsegwenza pregudizzjevoli illi huwa ma nghatax l-opportunita` li jressaq l-assunti tieghu kontra d-decizjoni tad-Direttur. Dan l-intopp procedurali huwa bizzejjed biex jirrendi l-prosegwiment quddiem l-Arbitru li wassal ghas-sentenza appellata bhala iritu u null;

Huwa l-kaz ghalhekk li din il-Qorti tannulla s-sentenza u tibghat l-atti lura lill-Arbitru biex il-kaz jinstema' mill-gdid mill-Arbitru fuq l-istess appell wara li tkun saret in-notifika regolari ta' l-att ta' l-avviz tas-smigh skond il-ligi. Mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha f'konsiderazzjoni ta' l-ilment l-iehor ta' l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Arbitru biex l-appell quddiemu jsir mill-gdid wara li l-appellanti jkun regolarment notifikat bl-avviz ta' l-appuntament ta' l-appell tieghu. L-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------